**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 6 ta’ Novembru 2024**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Mark Kirk Schembri**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mark Kirk Schembri ta’ 34 sena imwieled il-Pieta`, nhar is-26 ta’ Novembru 1989, iben Mario Schembri u Maria Carmela nee` Zerafa u li joqgħod 18, Triq il-Bronja, Mellieha, Malta u detentur tal-karta ta’ l-Identita Maltija bi numru 0557289M.

Akkuzat talli nhar il-11 ta’ Ġunju 2024, għall-ħabta ta’ bejn il-ħdax ta’ filgħodu (11:00) u n-nofsinhar (12:00) u/jew fil-ħinijiet ta’ qabel, minn ġewwa Triq Dawret Il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar, Malta u/jew f’postijiet oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta s-serq ta’ diversi oġġetti fosthom pouch / borża, flus kontanti, u ċwievet fuq xi vettura f’post pubbliku jew f’post aċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta’, jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura, liema serq

huwa aggravat bix-'xorta tal-ħaġa misruqa' u bil-'valur' liema ammont jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37), għad-dannu ta' Farsons Beverage Imports Company Limited u/jew Farsons Distribution Services Limited u/jew Simonds Farsons Cisk P.L.C. u/jew Calvin Galea u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;

2. Xjentement laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, ossia oġġetti fosthom pouch / borża, flus kontanti b' valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (2,329.37), u ċwievet għad-dannu ta' Farsons Beverage Imports Company Limited u/jew Farsons Distribution Services Limited u/jew Simonds Farsons Cisk p.l.c. u/jew Calvin Galea u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputat bħala reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija għal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lill-ħatja sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li huwa xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra ai termini ta' l-Artikolu 15A tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-30 t' Ottubru 2024 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

i. Fl-Artikoli 261(ġ), 271(ġ), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
ii. Fl-Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
iii. Fl-Artikoli 334(a), 261(ċ), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
iv. Fl-artikoli 15A, 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tal-lum li m’ghandhux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

4. Rat li fis-seduta tal-lum stess l-imputat irregistra ammissjoni ghar-reati kontemplati fin-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali.

5. Il-Qorti qieset li t-tieni imputazzjoni tar-ricetazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat u ghaldaqstant wissiet lill-imputat li l-piena massima tal-ewwel imputazzjoni hija ta' seba snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

9. It-tieni imputazzjoni ta' ricettazzjoni ovvjament inghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni, cioe dik ta' serq ikkwalifikat, u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

10. Il-Qorti tosserva li l-addebitu tar-recidiva fic-citazzjoni ma giex inkluz mal-Artikoli li taghhom tista' tinstab htija fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Kif gie diversi drabi ritenut minn dawn il-Qrati in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, u ghaldaqstant ladarba l-addebitu tar-recidiva ma giex inkluz fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' dan l-addebitu.

11. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li kif jirrizulta mix-xhieda mismugha illum, fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat irrifonda l-ammont kollu minnu derubat lill-vittmi. Ghaldaqstant, il-piena ghandha titnaqqas bi grad ai termini tal-Artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali.

12. Ghalkemm il-fedina penali tal-imputat mhix wahda netta, lanqas hi wahda allarmanti. Huwa ghandu kundanna wahda ta' serq ikkwalifikat, u erba' kundanni li ma hallasx il-manteniment kif stabbilit f'kuntratt ta' separazzjoni personali.

13. Il-Qorti hadet ukoll tas-segwenti verbal maghmul fis-seduta tal-lum:

*"Dr De Gaetano ghall-Avukat Generali jiddikjara li in vista tax-xhieda li nstemghet illum moghtija mis-Sur Christopher Borg Cardona rapprezentant ta' Farsons u mix-xhieda ta' Calvin Galea li t-tnejn ikkonfermaw li saru d-debiti rimborsi lilhom mill-imputat, il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-imputat ghandu jigi ikkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin. Il-qbil sar ukoll in vista tal-fatt li l-imputat informa lill-Qorti li fit-18 ta' Novembru ser jibda jsegwi programm rijabilattiv mac-Cenaocolo Community barra minn Malta u ghalhekk qed jaghmel sforz biex jindirizza l-problema tad-droga."*

14. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, anke kif jirrizultaw minn dan il-verbal tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti taqbel li l-imputat ghandu jinghata opportunita sabiex jindirizza

l-problema tat-tossiko-dipendenza tieghu, u dan mhux biss fl-interess tieghu personali, izda wkoll fl-interess tas-socjeta in generali.

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u cioe tar-reati kontemplati fl-Artikoli 334(a), 261(c) u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Wara li rat l-Artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(b) u 280(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' sentejn, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**